SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 43-18**

**28 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' fil-għaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Caroline Galea - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**43.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsilliera Caroline Galea u tal-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ.

**43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 41-18**

**43.2.1 *Kuratur tal-Ġnien***

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-minuta 41.5.4 u staqsa kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tal-problema tal-kuratur tal-ġnien. Is-Sindku qal li jidhru li kkalmaw l-affarijiet. Qamet diskussjoni u l-Viċi Sindku tkellem dwar kemm hu validu s-servizz li jgħati l-kuratur tal-ġnien. Is-Sindku tenna jgħid li kien hemm bżonn li jikkalmaw l-affarijiet biex tiġi ndirizzata l-problema.

**43.2.2 *Kaxxi sofor fi Triq Kaħwiela***

Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal minuta 41.5.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq dawn il-kaxxi sofor. Is-Sindku qal li fi Triq Kaħwiela hemm kaxxa safra waħda biss. Huwa qal li l-ikbar problema hija l-linji sofor li hemm fil-ġenb ta' kull garaxx. Huwa qal ukoll li sar *site meeting* ma' uffiċjal ta' Transport Malta dwar il-possibilita' li jsiru marki tat-toroq ġodda.

**43.2.3 *Appartament Indipendenza***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 41.5.8 u staqsa jekk issewwewx il-ħsarat fil-Binja Indipendenza. Is-Sindku qal li l-ħsara li kien hemm kienet ġejja minn appartament privat. Huwa qal ukoll li tas-Sanita' kiteb lill-Awtorita' tad-Djar biex isir it-tindif neċessarju.

**43.2.4 *Proġett 2 Will***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall minuta 41.5.18 u ta' rendikont tal-avveniment li attenda għalih fl-iSvezja b'rabta ma' dan il-proġett. Huwa saħaq li baqa' impressjonat kemm isir xogħol bil-volonarjat. Huwa qal li għanda ssir ittra ta' ringrazzjament tal-ospitalita' li ntwerit mal-parteċipanti.

**43.2.5 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 41-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**43.2.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 42-18**

**43.2.7 SLLC(RC)57-18-03 – Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku Mill-Lokalita' ta' Santa Luċija, b'Metodu Favur l-Ambjent**

Is-Sindku irrefera għall-kuntratt hawn fuq imsemmi u fakkar lil-kuntrattur il-ġdid ser jibda jagħti s-servizz mill-1 ta' Ġunju 2018. Huwa qal li għalissa l-kuntrattur preċedenti ser jibqa jiġbor l-iskart riċiklaballi peress li l-kuntratt li għandu mal-Green Mt jagħlaq fl-aħħar tas-sena 2018.

**43.2.8 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 42-18 ġew approvati mill-Kunsill.

***41.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti***

***43.3.1 Kwotazzjoni għall-manutenzjoni tas-sistema tad-dranaġġ tal-latrina tal-Picnic Area***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjonijiet biex isir xogħol fuq is-sistema tad-dranaġġ fil-latrina tal-Picnic area peress li l-għeruq tas-siġar kienu qed jikkawżaw sadd ta' spiss. Il-Kunsill approva l-ispiża nvoluta li tammonta għas-somma ta' €170.00

***43.3.2 Kwotazzjoni għal manutenzjoni ta' monument***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjoni biex isir xogħol ta' restawr ta' monument f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill approva l-ispiża nvoluta li tammonta għas-somma ta' €280.00.

***43.3.3 Approvazzjoni għal xiri ta' tlett Air Conditioners***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill erba' kwotazzjonijiet minn kuntratturi differenti għal xiri ta' tlett *air conditioners*. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Cutajar Ltd għas-somma totali ta' €1820.00.

***43.3.4 Kwotazzjoni għal xogħol ta' tindif fl-area ta' Wied Garnaw***

Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ordnat servizz biex isir xogħol ta' tindif fl-area ta' Wied Garnaw. Ġiet approvata l-ispiża nvoluta li tammonta għal madwar €200 biex isir dan ix-xogħol.

***4.3.5 Kwotazzjonijiet għal xiri u installazjoni ta' CCTV Cameras***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet diversi kwotazzjonijiet għal xiri u nstallazjoni ta' CCTV Cameras li ser ikunu qed ikopru l-area tal-bandli u l-latrina pubblika f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill qabel li għandu jitħejja rapport tekniku u jiġi ppreżentat waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**43.3.6** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM43-18 għall-perjodu bejn it-12 ta' Mejju 2018 sal-24 ta' Mejju 2018 u minn *cheque* numru BOV 7127 sa *cheque* numru BOV 7231.

**43.4** ***Rapport Finanzjarju - Rapport tal-ewwel kwart tas-sena 2018***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Marzu 2018. L-A*ccountant* tal-Kunsill li kienet preżenti għal laqgħa, spejgat li dan ir-rapport tħejja fuq it-*template* il-ġdida li għadu kif ħareġ id-Dipartiment. Hija qalet li fit-*template* il-ġdida żdiedet kolonna oħra biex il-Kunsill ikun jista' jqabbel kull spiża attwali ma' dik tal-*budget*. Hija tat spegazzjoni dwar l-*accounting treatment* il-ġdid fejn jidħlu *retained funds*. Il-Kunsill innota li dan l-ewwel kwart tas-sena l-Kunsill spiċċa f'*surplus* ta' €1,393.00. Il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Terrence Ellul u issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar.

**43.5** ***Komunikazzjonijiet mis-Sindku***

**43.5.1** ***Skema – Manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li residenti ta' Blokk J u Blokk K diġa ħatru amministratur biex ikunu jistu jipparteċipaw f'din l-iskema. Huwa qal li r-residenti ta' Blokk L għadhom ma bagħtu l-ebda *feedback* lill-Kunsill dwar jekk hux ser jaħtru amministratur u jiffurmaw l-Għaqda tar-Residenti. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lil dawn ir-residenti u jara jekk iridux jipparteċipaw. Il-Kunsill qabel li jekk jibqa ma jkunx hemm interess, il-Kunsill imur għal Blokk li jmiss, jiġifieri Blokk M.

Il-Viċi Sindku staqsa dwar ix-xogħol li qed tagħmel l-Awtorita' tad-Djar fuq il-faċċati tal-binjiet tal-Gvern f'Dorell Place. Is-Sindku qal li suppost kellu jsir *embellishment* iżda dan ma setax isir għax hemm ħafna irregolaritajiet. Il-Viċi Sindku qal li l-Awtorita' tad-Djar mhux qed tinforma l-Kunsill b'mod uffiċjali dwar ix-xogħol li qed twettaq f'Santa Luċija u l-Kunsill mhux qed jiġi kkonsultat. Huwa qal li hemm binjiet aktar antiki li għandhom bżonn ta' ħafna manutenzjoni. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra liċ-Chairperson tal-Awtorita tad-Djar f'dan ir-rigward.

**43.5.2** ***Bus Terminus fi Triq Guljetta Lopez***

Is-Sindku tkellem dwar is-*site meeting* li sar nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju 2018 fuq il-Bus Terminus f'Ġuljetta Lopez li għalih kien preżenti uffiċċjal tekniku mill-Malta Public Transport. Huwa qal li qed jiġi propost li l-ħinijiet tal-iskeda preżenti jonqsu b'ħames minuti: per eżempju flok ir-rotta titlaq minn Santa

Luċija fis-6.25 a.m., titlaq fis-6.20a.m. Il-proposta tinkludi wkoll li jsir RTI fi Triq Guljetta Lopez u RTI ieħor fi Vjal Oleandri. Il-Kunsill qabel li din il-proposta tidher li tista taħdem. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet inkarigata tinforma lill-Transport Malta b'din id-deċiżjoni.

**43.5.3** ***Measure 4.3***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li jidher li ser ikun hemm bżonn ta' Development Noticification Permit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li sa issa għadha ma rċevitx ebda *feedback* mill-Korporazzjoni tal-Ilma dwar l-ispiża tas-*civil works*. Hija qalet li hemm bżonn tintalab estenzjoni tad-data stabbilita biex isir dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li meta tiġi stabbilita' d-data trid issir ittra bl-avukat ħalli l-Kuntrattur jiġi nfurmat li jrid ilesti fid-data stabbilita.

**43.5.4** ***Transport Malta – Proposta ta' Żebra Crossing u Road Hump fi Triq Peprin***

Is-Sindku ippropona li ssir Zebra Crossing quddiem l-entratura ta' Ġnien is-Serenita' fi Triq il-Peprin . Huwa pprona wkoll li ssir road hump fl-istess triq.
Il-Kunsill qabel li għandhom jinġiebu l-permessi neċessarji minn Trasport Malta.

**43.5.5** ***Application for Local Funding – UIF***

Is-Sindku ippropona li jinxtraw numru ta' *dustbins* mill-fondi tal-UIF biex jiġu mibdula d-*dustbins* il-qodma. Huwa qal li biex isir dan l-eżerċizzju iridu jinxtraw madwar ħmistax il-*dustbin.* Il-Kunsill qabel li jidħol fi ftehim mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-fondi disponibbli għal Kunsill ta' Santa Luċija

**43.5.6** ***Xiri tal-Premises tal-Kunsill mill-Awtorita' tal-Ippjanar***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Awtorita' tad-Djar qed titlob li titħejja l-final *deed* dwar ix-xiri tal-*premises* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinkera servizz ta' nutar biex ilesti d-dokumenti meħtieġa**.**

**43.5.7** ***POC 136-2018 – Instructions to Local Councils***

Is-Sindku informa l-Kunsill dwar istruzzjonijiet ġodda fejn jidħol *Procurement* u l-*Evaluation Committee.*

**43.5.8** ***Proposta ta' Blue Light Corporation Ltd.***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar proposta ta' Light Blue Corporation Ltd biex jidħol fi ftehim mal-Kunsill biex tiġi nstallata Clothes Bank fil-lokalita'. Il-Kunsill ma sabx oġġeżżjoni dwar din il-proposta.

**43.5.9** ***Proposta ta' Malta Textile Recycling***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma uffiċċjal tal-Malta Textile

Recyling li huma nteressati li jibdew jiġbru ħwejjeġ użati mid-djar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta.

**43.5.10** ***First Aid Courses***

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva proposta biex jiġu organizzati First Aid Courses bi ħlas minn *first aid instructors* professjonali. Għandu jinħareġ avviż biex naraw kemm hemm nies interessati li jattendu għal dan il-kors.

**43.5.11** ***Ħarġa Kulturali***

Il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill li kien ser jorganizza ħarġa kulturali bi żjara fil-Palazz ta' San Anton. Huwa qal li din l-attivita' hija skedata għat-28 ta' Ġunju 2018.

**43.6 Ġieħ Santa Luċija**

Il-Kunsill iddiskuta l-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija għas-Sena 2018. Ġie deċiż li għandu joħroġ avviż għan-nominazzjonijiet. Il-Kunsill qabel lin-numru ta' persuni li jingħataw Ġieħ Santa Luċija ikun ta' mhux aktar minn tnejn. Fuq proposta tal-Viċi Sindku l-Kunsill qabel ukoll li din is-sena jingħata wkoll il-premju Ċittadin Onorarju u ppropona li dan jingħata lis-Sur Juheng Chen għal impenn volontarju tiegħu bħala konsulent fuq affarijiet relatati maċ-Ċina, l-Ambaxxata Ċiniża u ċ-Ċentru Kulturali Ċiniż. Il-Kunsill qabel li dawn il-premjijiet imsemmija jiġu ppreżentati waqt il-Kunċert Mużikali li ser jittella' fl-4 ta' Lulju 2018 fi Ġnien is-Serenita' fl-okkazjoni tal-għeluq tal-wieħed u għoxrin sena mill-inawgurazzjoni ta' dan il-ġnien. Il-Kunsill laqgħa l-proposta tas-Sindku biex jingħata platt kommemorattiv lill-Klabb tal-Football u tal-Boċċi b'apprezzament għas-suċċess miksub f'dan l-isport.

**43.7 Development Planning Fund – Proġett Sebbaħ il-Lokal**

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar din l-inizjattiva u qal li l-Kunsill huwa ntitolat għal fondi li jammontaw għal €50,000.00 jew aktar biex ikun jista' jwettaq proġett ta' tisbiegħ fil-lokalita'. Ġiet identifikat s-sit li hemm wara l-ħwienet ta' Triq Ineż Soler biex fuqha jitħejja proġett. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex il-Kunsill ikun jista jingħata parir professjonali dwar din il-proposta.

**43.8** ***Measure 4.3***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li jidher li ser ikun hemm bżonn ta' Development Noticification Permit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li sa issa għadha ma rċevitx ebda *feedback* mill-Korporazzjoni tal-ilma dwar l-ispiża tas-*civil works*. Hija qalet li hemm bżonn tintalab estenzjoni tad-data stabbilita biex isir dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li meta tiġi stabbilita' d-data trid issir ittra

bl-avukat ħalli l-kuntrattur jiġi nfurmat li jrid ilesti fid-data stabbilita'.

**43.9 Tweġiba għall-Management Letter**

Il-Kunsill approva t-tweġiba tal-Kunsill fir-rigward għall-Management Letter għas-sena finanzjarja 2018.

**43.10 Permess għall-Attivita' fil-Picnic Area f'Ġunju –Lulju 2018**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li hemm individwu li xtaq jorganizza attivita', bil-koperazzjoni tal-Kunsill, fil-Picnic Area fil-ġranet tal-World Cup. Il-Kunsill qabel li fir-rigward tal-użu tal-Picnic Area għandu jimxi mal-Bye-Laws u qabel ukoll li min jorganizza l-attivita' għandu jkun responsabbli għal kull permess neċessarju fir-rigward ta' din l-inizjattiva.

**43.11 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**43.11.1** ***Mistoqsija tal-Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku staqsa jekk jistax isir aktar dawl tat-toroq fi Triq il-Ġnien bejn Blokk3 u Blokk 4. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-kuntrattur jara x'jista' jsir.

**43.11.2** ***Mistoqsija mill-Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-korrispondenza dwar *risk assesments services* u qal li għandha tintlab kwotazzjoni. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' dawn is-service providers.

**43.11.3** ***Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras***

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm kommunikazzjoni bejn il-Kunsill u l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta.

Is-Sindku wieġeb li t-twaqqif ta' din l-aġenżija għad irid jgħaddi mill-Parlament.

**43.11.4** ***Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras***

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk għandiex xi nies fil-lokalita' li għandhom jieħdu ħsieb l-annimali *stray*. Il-Kunsillier Sciberras ġie nfurmat li fil-passat il-Kunsill kien innomina lis-Sinjorina Edwina Muscat Drago.

**43.11.5** ***Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras***

Il-Kunsillier Sciberras staqsa fuq il-*gate* tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet li kienet involuta f'inċident tat-traffiku żmien ilu u staqsa dwar kif din għadha ma sar xejn biex tiġi rranġata. Il-Kunsill innota li din taqa' taħt ir-responsabilta' tal-iskola.

**43.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-6.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar is-Sibt, 23 ta' Ġunju 2018 fl-9.00a.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |